**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 15 ta' Ottubru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**VS**
**Dylan Galea**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Dylan Galea, bin Alfred u Doreen nee' Azzopardi, mwieled Pieta' nhar is-6 ta' Awwissu 1994, residenti Casa Anici Triq Villa Amrosa, Hamrun u detentur tal-Karta tal-Identita' 343094M;

Talli nhad id- 29 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal- 04.00am u fis-sieghat u granet ta' qabel gewwa San Giljan u f' dawn il- Gzejjer;

1) Ikkommetta attentat fuq il-pudur ta' Christina Bugeja ta' 17- il sena;
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ta fastidju jew bl-imgieba tieghu missu kien jaf li l-ghemil tieghu kien ta fastidju ghal Christina Bgueja;

3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Stefano Carlos Ragusa, sabiex jingurjah idejqu jew jaghmillu hsara;
4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal- ligi moghti skont il-ligi mill-awtorita' komptetenti;
6) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 202 Jesmond Grech u PC 1378 Anthony Farrugia sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;
7) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
8) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, irrisulta li l-imputat, fid-data u l-hin indikati, kien f'Paceville gewwa San Giljan, meta ghal xi raguni inspjegabbli, ittanta lil Christina Bugeja billi qabdilha l-warrani taggha u messilha sidirha, ghal xejn b'xejn. Bugeja kienet fil-presenza ta' kuginuha dak il-hin, certu Stefano Carlos Ragusa, u t-tnejn identifikawh mal-Pulizija meta ghamlu r-rapport taghhom fil-konfront tal-imputat. Meta gie mitkellem mill-Pulizija, l-imputat irresista l-arrest u ma kkoopera xejn maghhom. Peress illi kien gie identifikat bhala l-persuna li offenda l-pudur ta' Bugeja, u peress illi rrifjuta li jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom, l-imputat tressaq b'arrest akkuzat b'diversi imputazzjonijiet.

Quddiem din il-Qorti xehdu kemm Christina Bugeja kif ukoll Stefano Ragusa, li t-tnejn gharfu lill-imputat bhala l-persuna li wettaq dan ir-reat. Xehdu wkoll l-ufficjali tal-Pulizija li qalu kif huma ppruvaw ikellmuh, izda dan ma ghenhom xejn fix-xoghol taghhom, u spicca tressaq b'arrest minhabba f'dan l-incident. Fix-xiehda tieghu, Galea jichad li qatt ghamel xi forma ta' kuntatt ma' Bugeja, anzi allega li l-Pulizija aggredewh minghajr ma kien ghamel xejn. L-istess ighid fl-istqarrija tieghu, li qatt ma kellu kuntatt ma' Bugeja, izda kienet hi li daret fuqu tghajjat mieghu u wara daru ghalih il-Pulizija minghajr ma kien ghamel xejn.

Il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verzjoni tal-parti leza u tal-Pulizija. L-imputat, ghalkemm jinnega li sehh l-incident, ma jaghti ebda spjegazzjoni ghal dak li gara, hlief li gie aggredit mill-Pulizija. Il-verzjoni ta' fatti kif moghtija mill-Prosekuzzjoni hija kkorroborata u hafna aktar verosimili minn dik moghtija mill-imputat. Ghalhekk il-Qorti qed issib htija fih u sejra taghti l-kundanna li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi, tenut kont li l-imputat ghad ghandu fedina penali netta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 207, 251A, 339(1)(d), 95, 96, 339(1)(d), 338(dd) u 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundanna disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**